# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

### Udjenza ta' nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Ottubru 2023

**Avv Nru: 333/2017**
**Nru fuq il-Lista: 1**

**Victor Mifsud (K.I. 807446M)**

**vs**

**John Sammut (K.I. 1084844M)**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors promotur datat l-10 ta' Novembru 2017[1], fejn, għar-raġunijiet hemm indikati, din i-Qorti intalbet sabiex tordna li l-konvenut iħallas lill-attur ammont li għandu jiġi likwidat u dan minħabba danni kkaġunati f'dgħajsa tas-sajd propjetà tiegħu, għar-raġunijiet hemm indikati. Intalbu wkoll l-ispejjeż ta' ittra

[1] A fol 1 iet seq *tal-proċess.*

uffiċjali u l-imgħax. Ġie dikjarat li l-ammont mitlub ma jeżorbitax l-ammont ta' ħmistax il-elf Ewro (€15,000).

Rat ir-risposta tal-konvenut datata 2 ta' Jannar 2018[2] fejn b'mod preliminari ġiet eċċepita n-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti, fil-mertu ingħad li l-konvenut ma jaħtix għal dak li seħħ u b'mod sussidjarju ġiet eċċepita l-forza maġġuri.

Rat l-affidavit tal-attur ippreżentat fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2018[3].

Rat dak li seħħ fis-seduta tal-4 ta' Frar 2019[4] fejn l-avukati difensuri qablu li l-provi jinġabru fuq il-mertu wkoll u li kellha tingħata sentenza **waħda** fuq l-eċċezzjonijiet kollha.

Rat ir-rapport ta' valutazzjoni maħruġ u ġġuramentat minn ċertu Daniel Grima[5].

Rat ix-xhieda ta' Jeffrey Custo, rappreżentant tal-MET Office[6] kif ukoll nota b'ritratti ppreżentata mill-attur[7].

Rat ix-xhieda ulterjuri tal-attur[8].

---

[2] A fol 5 tal-proċess.
[3] A fol 17 tal-proċess.
[4] A fol 19 tal-proċess.
[5] A fol 22 tal-proċess.
[6] Xhieda relattiva ingħatat fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2019 u tibda a fol 31 tal-proċess.
[7] Nota a fol 36 tal-proċess.
[8] Imwettqa waqt is-seduta tal-15 ta' Ġunju 2021 u tibda a fol 62 tal-proċess.

Rat l-affidavit tal-konvenut, ippreżentat u maħluf fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2021[9].

Rat ix-xhieda in kontro-eżami tal-attur[10].

Rat ix-xhieda in kontro-eżami ta' David Grima[11].

Rat ix-xhieda in kontro-eżami ta' Jeffrey Custo[12] u x-xhieda ta' Emanuele Ellul[13].

Rat l-assenjazzjoni datata 9 ta' Marzu 2023[14] tal-Onor. Prim Imħallef fejn il-kawżi preċedentement mismugħa minn din il-Qorti preseduta mill-Maġistrat Nadine Lia ġew assenjati lil din il-Qorti kif issa preseduta.

Rat dak li seħħ fis-seduta tat-28 ta' Ġunju 2023[15] fejn seħet it-trattazzjoni finali da parti tal-avukat difensur tal-intimat biss[16] (għaliex kemm l-attur u l-avukat tiegħu naqsu li jidhru) u l-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

---

[9] Affidavit jibda a fol 67 tal-proċess.
[10] Magħmul fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2022 u tibda a fol 79 tal-proċess.
[11] Imwettaq fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2022 u jibda a fol 100 tal-proċess.
[12] Magħmul fis-seduta tat-22 ta' Frar 2023 u jibda a fol 109a tal-proċess.
[13] Din tibda a fol 113 tal-proċess.
[14] A fol 117a tal-proċess.
[15] A fol 120 tal-proċess.
[16] Debitament reġistrata u traskritta u tibda a fol 121 tal-proċess.

Illi l-Qorti tqis xieraq li jsir riassunt qasir tax-xhieda u l-provi ta' dawn il-proċeduri u dan peress li l-istess, ma ġewx mismugħa minn din il-Qorti kif issa mpoġġija[17], (għalkemm it-trattazzjoni finali saret quddiem din il-Qorti).

Illi f'dawn il-proċeduri xehed l-attur. Fl-affidavit[18] jispjega li huwa kien sid ta' lanċa Snta Marija V MFA291, li kienet tkun irmiġġjata f'San Pawl il-Baħar. Kien inkariga lill-konvenut sabiex jorbot l-irmiġġ u jivverifika l-irbit. Fis-26 ta' Ottubru tas-sena 2016 il-lanċa inqatgħet u tkissret kompletament. Jgħid li dakinhar il-lanċa ma kinitx marbuta kif issoltu tkun għaliex l-katina kienet mgħallqa mal-mażżra. Ittieħdu xi ritratti u talab stima tad-dannu. Jgħid li kienet

[17] Għalkemm dan il-fatt waħdu m'għandu qatt ikun ta' bażi sabiex tiġi attakkat dedċiżjoni ġudizzjarja. F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **George Galea vs Maria Carmela *sive* Marica Baldwin,** (App Ċiv Nru: 90/14/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-11 ta' Ottubru 2022 fejn ġie ritenut hekk: *"Din il-Qorti titlaq billi tgħid illi l-fatt waħdu li l-Imħallef li ddeċieda ssentenza fl-ewwel istanza ma kienx l-Imħallef li sema' l-provi ma jġibx b'daqshekk in-nullita` tas-sentenza appellata".* Issir referenza wkoll għal dak li kien ġie awtorevolment deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Mifsud *et* vs Victor Calleja,** (Appell Ċivili Numru. 354/2003/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar ild-9 ta' Jannar 2008 u ċioé: *"...l-appellanti jitilqu mill-punt li jiccensuraw lillewwel Qorti talli din ma semghatx il-provi viva voce iżda qaghdet fuq it-traskrizzjonijiet tax-xhieda gja kompilati flatti. Huma, b' dan, jikkontendu illi l-Qorti ma kellhiex l-"ahjar prova" ghal liema jirreferi l-Artikolu 559 tal-Kapitolu 12. Bir-rispett dovut dan l-argoment hu ghal kollox fallaci, guridikament. Ibda biex, kieku kellu jigi accettat dak sottomess mill-appellanti jkun ifisser illi kull darba li gudikant jissostitwixxi gudikant iehor il-provi jridu jinstemghu ex novo, b' hela ta' energija, dilungar u spejjez zejda. Barra minn hekk, tali deduzzjoni tirrifletti negattivament fuq id-dehen tal-gudikant sostitut ghax ikun ifisser li dan, gjaladarba ma jkunx sema' hu l-provi viva voce, ma jkunx jista' jaghmel gudizzju ghaqli ta' l-ezami u l-valutazzjoni tax-xhieda li tkun traskritta. Tali ragonament, jekk accettat, certament jinnewtralizza ghal kollox il-htiega tar-rakkoljiment tal-provi permezz ta' Affidavits jew permezz ta' l-Assistenti Gudizzjarji, u dan kontra l-volonta tal-legislatur li kkreja d-disposizzjonijiet relattivi dwarhom."* Per kompletezza akkademika mbagħad, il-Bord jirriferi għas-sentenza fl-ismijiet **Albert Noel Portelli *et* vs Paola Developments Limited *et*,** (Appell Civili Numru. 1466/2001/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-3 ta' Novembru 2006 fejn, b'ton qawwi, ġie enunċjat is-segwenti *dictum*: *"Bil-fatt wahdu li, minhabba esigenzi ta' tqassim ta' doveri, il-kawza ghaddiet minn gudikat ghal iehor, ma ghandux necessarjament iwassal ghal dak li donnhom qeghdin jinsinwaw l-appellanti, bla ma pero` jispecifikaw xejn utli jew ta' sostanza. Bl-istess argument, li kieku wiehed kellu jabbraccjah, lanqas din il-Qorti ma jmissha allura tiddeciedi dwaru! Riflessjonijiet bla bazi ta' din ix-xorta ftit jaghmlu gieh lil min jasserihom u certament, ma jghinu xejn ghar-rizoluzzjoni gusta u serena ta' procedura gudizzjarja bhal dik in kawza."*

[18] Dan jibda a fol 17 tal-proċess.

drawwa tiegħu li l-lanċa jħalliha fil-post anke fix-xitwa u qatt ma kien hemm problemi.

Illi l-attur reġa' xehed ulterjorment in eżami[19]. Hawnhekk jikkonferma u jispjega r-ritratti eżebiti minnu (għaliex min ħa r-ritratti ma nstabx sabiex jagħti x-xhieda tiegħu).

Illi in kontro-eżami[20] jikkonferma li l-irmiġġ kien intrabat numru ta' snin ilu, ċirca tletin sena. Fl-aħħar għaxar snin ma kienx għamel irmiġġ ġdid. Kull sena jgħid li kien jibdilha u jagħmel waħda ġdida. Għalkemm jaf minn hu Roderick Borg (li kien beda jieħu ħsieb) jgħid li dan ma qabdux hu. Kien mir-ritratti li induna li skond hu il-katina ma kienitx magħmula sew. Jgħid li ġara kien li l-blokka waqgħet u inqasmet il-katina. Ma jafx kif il-katina spiċċat taħt il-mażżra, possibbilment minħabba l-maltemp. Għalkemm ried li l-lanċa tittella' l-baħar għaliex kien ġej il-maltemp ma sabx lil min seta' jieħu ħsieb itellagħha.

Illi l-espert Daniel Grima ippreżenta r-rapport tiegħu bil-ġurament[21]. In kontro-eżami[22] jikkonferma li qabel id-data tar-rapport (2018) l-aħħar darba li kien spezzjona d-dgħajsa kien fis-sena 2007.

Illi xehed ukoll Jeffrey Custo, rappreżentat tal-Uffiċju Meterjoloġiu. In eżami[23] ppreżenta rapport tat-temp għad-dati rilevanti. Irriżulta li kien hemm sitt drabi fejn il-baħar kien imqalleb u fid-29 ta' Ottubru 2016 kien partikolarment qawwi.

---

[19] Xhieda relattiva tibda a fol 62 tal-proċess.
[20] Mwettaq fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2022.
[21] Dan jinsab a fol 22 tal-proċess.
[22] Magħmul fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2022 u jibda a fol 100 tal-proċess.
[23] Xhieda relattiva tibda a fol 31 tal-proċess.

Dakinhar kien mistenni mewġ minn żewġ metri sa tlett metri. In kontro-eżami fl-istess seduta, jikkonferma li jkun inħareġ avviż għal dak it-tip ta' temp.

Illi l-istess xhud reġa' ddepona in kontro-eżami[24]. Hawnhekk eżebixxa aktar dokumentazzjoni dwar it-temp fiż-żmien rilevanti.

Illi l-konvenut inizjalment xehed b'affidavit[25]. Hawnhekk jispjega li numru konsiderevoli ta' snin ilu huwa kien ġie avviċinat mill-attur sabiex jagħmillu l-ħbula u l-katina tal-lanċa in kwistjoni. Dan kien ifisser li huwa rabat il-ħbula u l-katina mal-blokka, magħmula mill-Awtorità rilevanti. Dan ix-xogħol twettaq ħafna snin ilu u ferm qabel ma seħħ dan l-inċident. Kull sena mbagħad kien imur jara l-katina u l-ħbula u jara li kienu għadhom tajbin. Dan kien xogħol li ilu jagħmel għal ħamsin sena bla problemi. Għal dawn l-aħħar snin però kien qabbad ċertu Roderick Borg sabiex jibqa' jagħmel dan ix-xogħol u l-attur kien konsapevoli ta' dan. Fl-aħħar ta' Settembru 2016 il-lanċa kienet nstabet maħlula. Dakinhar l-attur kien qallu li l-lanċa kienet sejra tittella' fuq l-art biex isirilha xi manutenzjoni. Damet hemm xi erba' ġimgħat. L-attur ingħata l-parir biex il-lanċa ma terġax tinżel f'dan iż-żmien għax kienet ġejja maltempata kbira, madanakollu l-attur xorta reġa' niżżel id-dgħajsa. Fl-24 ta' Ottubru 2016, l-attur ċempel lill-konvenut u qallu li kien qabad ma' ħabel ta' xi ħadd ieħor u talbu jmur jaqla' l-ħabel. Il-konvenut hekk għamel, neħħa l-ħabel minn ma l-iskrun. Bejn it-28 u d-29 ta' Ottubru tas-sena 2016 seħħet maltempata kbira u fil-31 ta' Ottubru 2016 xi nies qalulu li l-lanċa kienet inqatgħet. Ġie miftiehem li l-lanċa tittella' l-għada u hekk seħħ. Wara xi ftit l-attur beda jallega li l-konvenut kien għamillu l-katina taħt il-blokka. Dwar ir-ritratti jgħid li dawn jikkonfermaw li l-katina kienet f'postha sew u baqgħet intatta u juru kif li ġara kien li l-mażżra waqgħet max-

[24] Magħmul waqt is-seduta tat-22 ta' Frar 2023. A fol 109a tal-proċess.
[25] Dan jibda a fol 67 tal-proċess.

xifer u nqala' l-ħabel. Wara xi żmien l-attur informa lil konvenut li kien sejjer jibda proċeduri kontrih.

Illi l-konvenut ma ġiex kontro-eżaminat.

Illi finalment xehed ukoll ċertu Emanuele Ellul. In eżami[26] jispjega li l-attur kien ingaġġah sabiex jerġa' jgħolli l-mażżra wara li din kienet waqgħet. Din kienet niżlet ġo xifer u jgħid li din ġrala hekk minħabba l-maltemp. Bejn wieħed u ieħor din waqgħet xi żewġ metri u nofs. In kontro-eżami fl-Istess seduta jispeċifika li l-katina kienet għaddejja minn barra tal-mazra u l-mażra waqgħet. Kien il-ħabel li nqata' minn mal-barbetta. Il-katina kienet totalment sħiħa. Il-katina inbidlet biss minħabba l-maltemp iżda mhux għax kienet hi li nqatgħet u iktar bħala prekawzjoni għal-futur.

**<u>L-Ewwel Eċċezzjoni – Kompetenza</u>**

Illi għandu jkun indubitat li l-ewwel stħarriġ li għandu jsir huwa proprju ta' din l-ewwel eċċezzjoni u dan b'mod separat[27]. Dan għandu jkun hekk għaliex f'każ li din il-Qorti ssib li din l-objezzjoni hija waħda ġustifikata allura l-istħarriġ minn din il-Qorti għandu jintemm hemm.

Illi din l-eċċezzjoni tikkwerela jekk din il-Qorti għandhiex hi l-kompetenza tiddeċiedi dan il-każ u dan fuq bażi *ratione valoris*. Għalkemm saret stedina sabiex issir trattazzjoni fuq l-istess, l-avukat difensur tal-intimat għażel li

---

[26] Magħmul fis-seduta tat-22 ta' Frar 2023 u jibda a fol 113 tal-proċess.
[27] Artikolu 730 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

sempliċiment joqgħod fuq id-deċiżjoni tal-Qorti, mingħajr m'amplifika aktar fuq l-istess difiża[28].

Illi mill-ewwel jingħad li din l-eċċezzjoni hija ħażina. Mill-att promotur jirriżulta ċar li l-attur qiegħed jillimita l-pretensjoni tiegħu[29] għall-kompetenza ta' din il-Qorti[30]. Filwaqt li din il-Qorti tifhem u tapprezza li din l-eċċezzjoni ssib l-għeruq tagħha fuq dak li jrid l-artikolu 747(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti hija wkoll tal-fehma li l-artikolu 761 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa applikabbli għal dan il-każ. Jirriżulta wkoll li l-ġurisprudenza in materja hija wkoll konkordi[31]. Wara kollox, bl-istima magħmula fir-rapport ta' David Grima, l-ammont mitlub (li jaqa' fil-parametri tal-kompetenza monetarja ta' din il-Qorti) ġie wkoll b'hekk determinat.

Illi b'hekk jiġi li din l-eċċezzjoni għandha u qiegħda tiġi miċħuda.

**<u>Mertu u t-Tieni Eċċezzjoni</u>**

---

[28] Ara fol 123 tal-proċess.

[29] Dwar dan, issir referenza għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Maresco(Trading) Limited vs San Lawrenz Leisure Resort Limited,</u>** (App Ċiv Nru: 332/2003/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-22 ta' Marzu 2006 fejn ingħad hekk: *"...il-fatt li socjeta` appellanti nnifsiha illimitat d-danni pretizi sa l-ammont li jaqa' fil-kompetenza ta' dik il-Qorti dan kien logikament iwassal biex dik il-Qorti tkun hekk kompetenti li tiehu konjizzjoni, u tiddeciedi wkoll, kemm it-talba principali kif ukoll il-kontro-talba in bazi ghal valur tat-talbiet reciproci. Dejjem imbaghad ghandu jinzamm in vista illi l-eccezzjoni hi wahda kollegata mal-valur tal-kawza u mhux ukoll mal-materja taghha"*

[30] Artikolu 47 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

[31] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Snoop Company Limited vs Blye Engineering Company Limited,</u>** (App Ċiv Nru: 340/2012/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-24 ta' Settembru 2014. Aktar qrib żminijietna mbagħad, issir referenza għas-sentenza preliminari fl-ismijiet **<u>Clayton Vella *et* vs Rita Zammit,</u>** (Rik Nru: 370/2014) mogħtija minn din il-Qorti, diversament preseduta, nhar id-29 ta' Marzu 2017.

Illi jidher, għal dak li jikkonċerna l-aspett legali ta' din il-kwistjoni li l-azzjoni tal-attur hija dik għad-danni għaliex skond hu, l-intimat kien negliġenti fid-dover tiegħu. Rispettożament lejn l-attur, din il-Qorti sabita kemxejn diffiċli tifhem eżattament fejn kien hekk negliġenti l-konvenut għaliex ftit jista' jinftiehem jekk l-attur huwiex jallega li l-konvenut kien żbalja meta għamel ix-xogħol fuq il-katina jew jekk huwiex qiegħed jilmenta minn meta l-intimat vverifika l-irbit mal-mażżra xi għaxar snin qabel l-inċident. Din il-Qorti però hija aktar inklinata li tqis din l-azzjoni mhux bħala waħda ta' danni naxxenti minn xi forma t'appalt, imma għandha iktar mis-sura ta' azzjoni għad-danni delittwali għaliex m'huwiex id-dannu tal-katina li qiegħed jintalab imma l-konsegwenza li seħħet fid-dgħajsa.

Illi lill'hemm mill-aspett ta' jekk dawn id-danni humiex qegħdin jiġu reklamati taħt is-sura kuntrattwali jew le[32], xorta huwa prinċipju sagrosant li jrid jiġi ppruvat li dawk id-danni għandhom ikunu r-riżultat dirett ta' dak l-att jew ommissjoni. Għalhekk, sabiex tirnexxi azzjoni bħal din irid jintwera l-ewwel u qabel kollox li ġġarbet ħsara u li din kienet tort (li jista' jkun wieħed kemm attiv

[32] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Paul Laferla vs Comm. Edward Palmier noe**, mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar il-11 ta` Diċembru 1967, liema sentenza hija ripetutament ċitata b'approvazzjoni. F'dik is-sentenza intqal hekk: *"Illi n-ness ta` kawzalita` hu fic-centru tal-problema tar-responsabbilita` civili, minghajr il-htiega f` dan ir-rigward (mhux biss fid-dottrina moderna tal-obbligazzjonijiet imma anki fil-logika) ta` distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik extra kontrattwali. Il-fatt additat bhala kawza tad-dannu jridu ikun il-kawza generatrici tal-istess dannu. Id-dannu jrid jintwera f` ness ta` kawzalita` mal-fatt kolpuz li fuqu tkun bazata domanda ghar-rizarciment."*

kif ukoll passiv[33]) tal-konvenut[34]. Għalhekk, huwa n-ness ta' kawżalita' li jrid jiġi ppruvat. Jekk l-attur ifalli f'din il-prova, allura l-azzjoni hija destinata li tfalli.

Illi jirriżulta ċar mill-provi li hemm diskordanza bejn il-verżjoni tal-attur u dik tal-konvenut. F'każijiet bħal dawn, il-Qorti għandha toqgħod fuq dawk il-kriterji soliti tal-probabbilitajiet u verosimiljanza u għandha tistlet xi prova oġġettiva oħra li tkun temerġi mill-proċess.

Illi f'dan il-każ, huwa ċar għal din il-Qorti li x-xogħol mwettaq fuq din il-katina, m'għandha x'taqsam xejn mad-dannu li seħħ fuq din il-lanċa. Dan qiegħed jingħad għas-segwenti raġunijiet.

Illi fl-ewwel lok, xhud importanti u distakkat mill-partijiet (għalkemm kien ġie mqabbad mill-attur stess sabiex jerġa' jgħolli l-mażżra) xehed b'mod mill-aktar ċar li l-katina kienet u baqgħet intatta. Fil-veritá dan kien l-aktar xhud importanti f'din il-kwistjoni għaliex ikkonferma li l-mażżra kienet iċċaqalqet, waqgħet

---

[33] Fl-opra tiegħu **<u>Corso Teorico-Pratico di Diritto Civile</u>**, il-ġurist Francesco Ricci jgħid hekk: *La colpa ha un significato abbastanza esteso, e tale che non puó non comprendere la negliġenza e l'imprudenza eziandio; e difatti noi diciame che chi é negligente o imprudente é in colpa, dappoiché avrebbe dovuto usare maggiore diligenza, od essere un poco piú accorto ed avveduto.* Imbagħad fl-istess paragrafu jkompli jamplifika hekk: *Dunque la colpa, che genera resonsabilitá civile, non deriva soltanto dai fatti, ma anche dai non fatti; onde io non solo sono in colpa quando faccio quello che non avrei dovuto fare, ma sono in colpa pur anco quando ometto o trascuro di far ció che avredi dovuto fare.* – UTET, 1923, III edizzjoni, Vol VII, para 85 a fol 113.

[34] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et</u>**, (Ċit Numru 886/1993/2) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-3 ta' Ottubru 2003 fejn intqal hekk: *"Issa kif saput, il-fonti primarju tar-responsabilita` civili hi ravvizata fl-imgieba imputabbli ghal dolo jew kulpa. Il-ligi civili taghna ma tiddefinixix il-kolpa civili fl-ghemil iżda taghmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diligenza u nuqqas ta' hsieb tal-bonus paterfamilias [Artikolu 1032 (1), Kodici Civili]. Dan jikkorrispondi in criminalibus ghan-nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti statwit fl-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali"*

f'livell aktar fond tal-baħar, u li kien il-ħabel li tqaċċat minn mad-dgħajsa. Il-katina kienet u baqgħet sħiħa għalhekk bl-ebda mod ma jista' jingħad li l-konvenut jaħti għal dak li seħħ. Dan huwa wkoll kollu kkonfermat mir-ritratti eżebiti li juru d-daqqa li ħadet il-blokka u l-fatt li l-katina kienet sħiħa.

Illi fit-tieni lok, irid jingħad li l-istrateġija tal-attur li jonqos milli jwettaq xi forma ta' kontro-eżami tal-verżjoni tal-konvenut, meta din kienet qiegħda tiskredita b'mod totali t-teżi tiegħu, ftit tista' tinftiehem. Dan il-fatt ukoll dgħajjef sew l-azzjoni tiegħu[35].

Illi l-oneru kien fuq l-attur li jipprova t-teżi tiegħu u jrid dejjem jibqa' jiġi mfakkar li kull dubju għandu jassolvi lill-konvenut minn kull ħtija[36].

---

[35] Fost diversi, ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Catherine Cali`** ***pro et noe*** **vs Stephen Cali`**, (App Ċiv Nru: 255/10) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-2 ta' Marzu 2018 fejn ġie mfakkar hekk: *"illi dan in-nuqqas inevitabbilment idghajjef il-kontestazzjoni tal-parti l-ohra ta' dawk l-allegazzjonijiet li setghu gew diretti kontriha mix-xhud, u finalment ukoll it-tezi tal-istess parti."*

[36] Hekk kif reġa' ġie mfakkar fis-sentenza fl-ismijiet **Anvil Limited vs Ta' Giorni Limited** ***et,*** (App Ċiv Nru: 428/2013/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-12 ta' Ottubru 2023 *"Kif ingħad drabi oħra, il-prinċipju li jirregola l-piż probatorju jibqa' dejjem li min jallega jrid jipprova, (Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) dak li fil-ġurisprudenza tagħna, jiġi deskritt bħala onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa l-obbligu ta' min iressaq kawża quddiem il-Qorti, sabiex jesebixxi d-dokumenti kollha relevanti għall-każ tiegħu. U fil-fatt l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprovdi wkoll li għandha tinġieb quddiem il-Qorti l-aħjar prova, iżda jingħad ukoll fir-rigward tal-materja ta' provi, li l-oneru tal-prova huwa ugwalment spartit bejn il-kontendenti fil-kawża, kemm fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), u kemm fuq il-konvenut, in sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretensjonijiet tal-attur (reus in excipiendo fit actor). Fil-kors tal-kawża, dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għaliex kif ingħad "jista' jkun ġie stabbilit fatt li juri prima facie li t-teżi tal-attur hija sostenuta" – (Ara ssentenza mogħtija fit-12 ta' April, 2007, minn din il-Qorti (Sede Inferjuri), fil-kawża fl-ismijiet Joseph Tonna v. Philip Azzopardi). Inoltre, f'ġudizzju ċivili, il-Qorti trid tiddeċiedi fuq il-preponderanza tal-probabbilitajiet u huwa meħtieġ li Qorti tara jekk verżjoni waħda teskludix lil oħra, fuq bilanċ ta' probabbilitajiet. Għalhekk l-evalwazzjoni tal-provi da parti tal-Qorti f'kaz ta' kunflitt bejn verżjonijiet differenti, huwa li tiddeċiedi fuq bilanċ ta' probabbilitajiet u l-verosimiljanza tal-provi u li fin-nuqqas biss, għandu jiġi applikat il-principju ta' actore non probante reus*

Illi billi din il-Qorti qiegħda ssib li ma ġie ppruvat l-ebda ness[37] bejn dak allegat mill-attur u xi negliġenza da parti tal-konvenut, tqis li m'għandhiex tinvesti aktar fit-tielet eċċezzjoni u qiegħda tastjeni milli tqis l-istess. Bil-fatt li qiegħda tiġi akkolta t-tieni eċċezzjoni, kull eżami ulterjuri jkun wieħed futili[38]. Ġialadarba ġie aċċertat li l-konvenut ma jistax jinżamm responsabbli, ma hemmx ħtieġa li tiġi nvestgiata l-iskużanti proposta fit-tielet eċċezzjoni.

Għal dawn il-motivi il-Qorti qiegħda tiddeċiedi din il-vertenza billi:

1) Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut.
2) Tastjeni milli tqis it-tielet eċċezzjoni.
3) Tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut u għalhekk tiċħad it-talba tal-attur.

---

*absolvitur. (Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat28 ta' April, 2004, fil-kawża fl-ismijiet Frank Giordmaina Medici et v. William Rizzo et)."*

[37] Fis-sentenza fl-ismijiet **Korporazzjoni Enemalta vs Joseph Vassallo,** (App Ċiv Nru: 1859/2004/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-17 ta' Ottubru 2008 intqal hekk: *"Dan permezz ta' prova li, f'kazijiet ta' din ix-xorta, trid twassal biex, b'mod adegwat u konvincenti, tikkreja n-ness ta' kawzalita` ta' fatt bejn il-kondotta ta' l-agent u l-event dannuz. Hu, wara kollox, il-kardini tas-sistema tar-responsabilita`extrakontrattwali, jew akwiljana, illi ghad-danni kawzati lil terzi huwa l-awtur tal-lezjoni li ghandu jwiegeb ghar-rizarciment ta' dawn l-istess danni li mill-att jew fatt jidderivaw; Maghdud dan, il-gudikant, li ghandu l-kompitu li jistabbilixxi s-sussistenza ta' dak l-istess ness kawzali, ma jistax jirrikorri la ghal spekulazzjonijiet dwar min seta' kien lawtur tad-dannu, u lanqas ghall-intwizzjoni proprja, anke jekk, talvolta, din tkun bazata fuq il-logika. Huwa ghandu, inveci, ghall-accertament ta' dak l-istess ness jevalwa l-elementi kollha tal-fattispeci ghall-iskop li jistabilixxi, b'mod objettiv u fil-konkret, il-fatt li jkun ipproduca l-hsara u, konsegwentement, l-awtur li dak l-istess fatt ikun giebu fis-sehh".*

[38] Fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuela Bartolo et vs Marthese Caruana et,** (App Ċiv Nru: 383/16/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-31 ta' Awwissu 2021, ingħad hekk: "*Għalkemm qorti tkun ħalliet kawża biex taqta' dwar numru ta' eċċezzjonijiet, ma jkollhiex għalfejn tqishom kollha jekk kemm-il darba tilqa' xi eċċezzjoni li tkun tolqot il-mixi 'l quddiem tal-kawża. L-għoti ta' sentenza huwa maħsub għad-deċiżjoni ta' punt mistħarreġ u mhux biex qorti toqgħod turi kemm taf. U jekk, wara li tingħata deċiżjoni dwar eċċezzjoni partikolari, ma jkunx għad hemm il-ħtieġa li qorti tgħaddi biex tistħarreġ eċċezzjonijiet oħrajn, dan ma jnaqqas xejn mis-siwi tal-mod kif dik il-qorti tkun għażlet li tqishom."*

L-ispejjeż tal-proċeduri jitħallsu tlett kwarti mill-attur u kwart mill-konvenut[39].

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

[39] Dan minħabba ċ-ċaħda tal-ewwel eċċezzjoni. Kif ġustament ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Zammit *et* vs Direttur Ġenerali (Dwana)**, (App Ċiv Nru: 356/12) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-20 ta' Lulju 2020 *"meta parti mħarrka tressaq eċċezzjoni u tħalliha fis-seħħ – aktar u aktar jekk tkun waħda minn dawk l-eċċezzjonijiet li l-liġi tgħid li għandha tkun maqtugħa b'kap għaliha – ma jkun sar xejn ħażin li, meta l-Qorti tiddelibera u tipprovdi dwar eċċezzjoni bħal dik, torbot ukoll il-ħlas tal-ispejjeż marbuta ma' dik l-eċċezzjoni skont jekk tkunx laqgħetha jew ċaħditha:*